# Ċelaniżi eżiljati fiż-Żejtun

## Kan. Joe Abela



__*Eżiljati fis-sena 1222*__

*Fis-sena 1222, wara li rvellaw kontra l-Imperatur* ***Federiku II****, numru ta' nies mill-belt ta'* ***Celano*** *fir-Reġjun ta' Abruzzo fl-Italja Orjentali, ġew eżiljati fi Sqallija u Malta, numru minnhom fiż-Żejtun. Reċentament nibtet, minħabba dan l-avveniment storiku, ħbiberija bejn Celano u ż-Żejtun, l-istess bħal ma ġara bejn Lanciano u l-Qala Għawdex, u bejn Ovindoli u Ħal Tarxien. Dawn l-hekk imsejjħa* ***"Ġemellaġġi"*** *bejn rħula u bliet Maltin u bliet barranin, f'dan il-kas bliet Taljani, huwa ta' mportanza kbira biex inkabbru bejnietna, mhux biss ħbiberiji ġodda, iżda wkoll kultura u tagħrif storiku li jiswa ta' ġid għaż-żewġ naħat.*




__*L-Imperatur Federiku II*__

*Biex nifmhu sewwa għaliex dawn l-abitanti Taljani mill-Belt ta' Celano ġew imkeċċija minn arthom mill-Imperatur, rridu naraw sewwa min kien dan Federiku lili trattahom b'tant ħruxija, u naraw huma x'għamlu kontra tiegħu. Irridu nżommu f'moħħna li ħwejjeġ bħal dawn kienu jsiru fl-imgħoddi mbiegħed. Per eżempju ma ninsewx li fis- sena 1551, il-populazzjoni kollha ta' Għawdex kienet ġiet meħuda lsira fl-Afrika ta' Fuq mill-pirati Misilmin.*

***Federiku II*** *(1194-1250), Imperatur tal-Qaddis Imperu Ruman, Sultan ta'*

Sqallija u l-Ġermanja, twieled fi **Sqallija** nhar is- 26 ta' Diċembru, 1194, iben l-Imperatur Neriku VI, u meta dan miet, Federiku kien għad kellu biss erba' snin. Il-Ġermaniżi kienu magħrufa bħala **Hohenstaufen**. Iċ-ċkejken Federiku ġie proklamat **Sultan ta' Sqallija**, u mal-mewt t'ommu ftit wara, waqa' taħt l-influenza tal-Papa Innoċens III. Fis-sena 1211, Federiku ġie proklamat mill-prinċpijiet Ġermaniżi **Imperatur tal-Ġermanja**, u fl-1220 il-Papa Onarju nkurunah Imperatur Hohenstaufen. **Sas-sena 1226 kważi l-Italja kollha waqgħet taħt il-kontroll tiegħu.** Il-Papa Girgor IX insista ma Federiku biex dan imexxi kruċjata kontra t-Torok. Federiku hekk għamel, iżda ma damx ma ġie skomunikat mill-Papa meta hu reġa' lura minħabba il-mixja tal-marda qerrieda tal-pesta. Fis-sena 1231, Federiku II ħareġ **'Liber Augustalis'**, sett ta' liġijiet ġodda għal Sqallija. Miet f'Diċembru tas-sena **1250**. Aktar kien Siċiljan milli Ġermaniż, imrobbi fi Sqallija taħt l-influenza tan-Normanni, il-Biżantini u l-Musulmani. **Il-Politika tiegħu kienet awtorita' assoluta.** Kien poeta u patrun tal-arti u x-xjenza. Fuq kollox kien għaġġeb lid-dinja b'għemilu. Hu midfun fil-Katidral ta' Palermo f'qabar tal-Porfirju merfugħ minn erbgħa ljuni.





**Il-"Cronaca' ta' Riccardo di San Germano**

**Fis sena 1222 assedja il-belt ta' Celano, fejn Tumas ta' Celano ħadha kontra tiegħu.** Saħansitra, l-Imperatur wkoll ħaraq din il-belt, meta d-ditanti tagħha ma riedux joqgħodu taħtu. Għall ewwel hu qafel f'kamp ta' konċentrament viċin Monte Serra, lin-nies ta' Celano, iżda wara **eżiljhom fi Sqallija u f'Malta,** fejn damu sas-sena 1227, u allura matul il-



ħames snin li damu hawnhekk, setgħu faċilment tħalltu mal-antenati tagħna, u għandi għax naħseb, li wkoll intrabtu magħhom permezz ta' żwiġijiet. Dan l-episodju hu rrakontat minn **Riccardo di San Germano** fil-**"Cronaca"** li titkellem dwar il-ġrajjiet li għaddew minnhom il-Qorti ta' Federiku u s-Saltna ta' Sqallija. Dwar x'ġara f'Celano dan l-awtru jgħidilna li l-irġiel nqabdu mill-Imperatur wara li ġew ingannati minn **Enrico di Morra**. **"jussu Imperiali Caelanenses revocat ubique dispersos, ut ad propio redeant, e redentes capit, e Siciliam mittit, quos apud Maltam dirigit imperator"**

## Iż-Żejtun fis-sena 1222

Fis-seklu 13, iż-Żejtun kien bil-bosta iżgħar minn dak li hu llum. Veru li n-Normanni taħt Ruġġier I, u mbagħad taħt Ruġġier II, kienu ħatfu il-Gżejjer Maltin taħt idejhom, iżda dawn il-gzejjer qatt ma sru Normanni fil-veru sens tal-kelma. Fi żmien id-dinastija Ġermaniża tal- Hohenstaufen, **il-gzejjer tagħna kienu jinkrew lin-nobbli barranin**, wieħed wara l-ieħor, hekk kien qiegħed jiġri fis-seklu 13. Dawn in-nobbli, li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu minn Ġenova, ġiebu magħhom traduzzjonijiet Latini, iżda kien Federiku II li għamel il-pass radikali meta mill-ġdid għaqqad il-Gzejjer Maltin mal-artijiet tal-Kuruna fl-1222, u sentejn wara keċċa lill-Misilmin għal kollox minn Malta. Fil-fatt Federiku kompla daħħal riformi li għamlu mill-ġdid lil Malta Nisranija, għalkemm naqraw li sa nofs is-seklu XIII, jiġifieri sal-mewt ta' Federiku, **kważi terz ta' Malta kienet għadha Musulmana.**

Is-sabiħa hi, li hu wisq probabbli, li kien in-Nofsinhar ta' Malta fejn il-maġġoranza ta' dawn il-Musulmani kienu jabitaw. Allura jiena nifhem li fis-sena 1222 fiż-Żejtun, barra xi nsara, **il-biċċa l-kbira taż-Żwieten kienu għadhom Musulmani.** Fis-sena 1246, taħt Federiku II, f'Malta, l-għadd ta' Musulmani kien akbar mill-Insara! Iż-Żejtun kien jikkonsisti fi ftit irħula żgħar ħafna: Bisqallin, Ħal Bisbu, il-Gwiedi, Ħal Ġwann, Raħal Tmin, Raħal Ħarrat, u xi ftit oħrajn. Diġa nistgħu nindunaw li, tneħħi Ħal Ġwann, bl-oriġini Għarbija ta' dawn l-ismijiet kollha. B'kollox fiż-Żejtun kollu **ma kienux jgħixu**

***aktar minn elf ruħ***. *Dawn kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom l-aktar mix-xogħol fir-raba', u kienu dejjem jistennew li jiġi xi qamħ minn Sqallija. Mhux l-ewwel darba li meta dan ma ġiex, xi Żwieten kienu litteralment imutu bil-ġuħ. F'kundizzjonijiet ta' daqshekk miżerja dawn iċ-Ċelaniżi sabu ruħhom meta ġew eżiljati fiż-Żejtun, u għandi għax naħseb fi rħula oħra Maltin. Fil-fatt Luret Cutajar jgħid li xi wħud minn dawn iċ-Ċelaniżi kienu ndifnu f'Ħal Millieri, li ġejja mill-kelma "Mille rei", elf ħati. Mhux kulħadd jaqbel ma dan.*



## *Iċ-Ċelaniżi fiż-Żejtun.*

*Nibda biex ngħid li minħabba l-fatt li xi wħud minn dawn in-nies intbagħtu f'Malta bħala kastig, ma għandnix nemmnu lil dawk il-kittieba li jiġġeneralizzaw u jgħidu li gżiritna kienet dak iż-żmien xi ħabs riservat għall-Kriminali. Naturalment matul il-ħames snin li ċ-Ċelaniżi damu fiż-Żejtun huma sabu xogħol fl-attivitajiet varji marbuta ma' kolonja penali, iżda żgur li* ***baqgħu ħielsa fil-ħajja li kienu jgħixu***. *Anzi nafu li probabilment kienu huma li daħħlu f'Malta* ***ċerti drawwiet*** *li kienu għadhom jeżistu fil-gżejjer Maltin sa ftit snin ilu. Hekk per eżempju, intqal li kienu* ***n-nisa ta' Celano li daħlu fiż-Żejtun id-drawwa li n-nisa jilbsu l-Għonnela!*** *Jingħad li l-għonnela kienet tipproteġi lin-nisa tagħna kontra l-irġiel li jittantawhom! Xi ngħidu mbagħad għall-mod antik li bih jinħema l-ħobż Malti? Dwar dan ukoll intqal li hemm xebħ bejn Celano u Malta. L-istess ukoll dwar kif jiġi msajjar il-fenek, li nistgħu nsejħulu l-platt (menu) nazzjonali Malti.*

## *Kunjomijiet Taljani fiż-Żejtun*

*U xi ngħidu għall-kunjomijiet li għandna fiż-Żejtun? Jien issa kbirt fl-eta u ma baqagħli la saħħa u lanqas ħin nagħmel aktar riċerki, iżda nittama li xi studenti żgħażagħ tal-lum jagħmlu dak li ma għamiltx jien, jiġifieri riċerki* ***fl-arkivji tan-Nutara l-aktar qodma***, *u jersqu kemm jistgħu lejn is-seklu 13. Jien, hawn nirreferi għal* ***lista ta' kunjomijiet Żwieten tas-sena 1419*** *miġbura mill-****Profs. G. Wettinger***. *F'din il-lista naraw numru ta' kunjomijiet ta' oriġini Taljana, bħal Blanco, Baldakin, De Augusta, De La Barba, De Bonu, Pachi u Vella.* ***Dawn il-kunjomijiet, u probabbli oħrajn qabilhom, meta u kif daħlu fiż-Żejtun?*** *Tgħid kien hemm xejn irġiel Ċelaniżi li żżewġu nisa Żwieten? F'ħames snin sħaħ min jaf kemm il-żgħażugħ Ċelaniż ħa grazzja ma tfajla Żejtunija?*